MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 732/2005

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Alfred Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' London Services Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip Comprehensive u tal-Ligi u l-istess Alfred Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' London Services Limited**

**vs**

**George Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u disa' u hamsin Lira Maltin u disghin centezmu (Lm459.90) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Alfred Aquilina nomine u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Middlesea Insurance plc,

abbazi tal-polza tat-tip comprehensive u tal-ligi, salv ghall-excess ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) imhallsa mill-istess attur Alfred Aquilina noe, bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Marzu 2003 gewwa Triq il-Bir, San Giljan bejn il-vettura proprieta` tal-attur Alfred Aquilina noe bin-numru tar-registrazzjoni EAK734 misjuqa minn Daniel Coppini, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni EAA426, liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Ghalkemm debitament interpellat jhallas l-ammont dovut il-konvenut baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Jannar 2005 u ta' dik li qed tintbaghat kontestwalment lis-socjeta' assikurattiva tal-konvenut, Fogg Insurance Agencies Limited u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2005 sad-data tal-effettiv pagament, ilkoll kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici u tal-attur nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u tal-attur nomine u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici u lill-attur nomine s-somma ta' erba' mija disgha u hamsin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm459.90), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Jannar 2005 u ta' dik li qed tintbaghat

kontestwalment lis-socjeta’ assikurattiva tal-konvenut, Fogg Insurance Agencies Limited, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------